**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

Isem: ______________________________ Klassi: _______________

**A. Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| identita' personali | rwol | kultura | edukazzjoni | interazzjoni |
| dmirijiet | normi | soċjalizzazzjoni | ambjent | komunita' |

1. Il- __________________________ hija ġabra ta' dak kollu li jagħmilna Maltin.
2. Permezz ta' l- __________________________ naqsmu bejnietna idejat u ħsibijiet.
3. Aħna ngawdu minn ħafna drittijiet, imma għandna wkoll __________________________.
4. __________________________ huwa s-sehem li nagħtu bix-xogħol tagħna fis-soċjeta'.
5. __________________________tiġbor fiha nies li joqogħdu f'belt jew raħal.
6. Dik li tagħrafni mill-bnedmin l-oħra hija l-__________________________.
7. Ilkoll kemm aħna għandna responsabbilta' li nħarsu l- __________________________.
8. Ir-regoli jew __________________________ iġibu l-ordni fis-soċjeta'.
9. __________________________ Primarja hi dik li nieħdu mill-familja.
10. It-televiżjoni għandu joffri divertiment, informazzjoni u __________________________.

**(1x10 = 10 marki)**

**B. Permezz ta' l-interazzjoni soċjali aħna nibnu bejnietna relazzjonijiet ma' l-oħrajn li bihom ninfluwenzaw lil xulxin fil-ħsibijiet, ideat u opinjonijiet. Semmi ĦAMES persuni u ĦAMES ambjenti li jistgħu jinfluwenzawna fl-interazzjoni magħhom:**

PERSUNI ______________________________________________________________

______________________________________________________________

AMBJENTI ______________________________________________________________

______________________________________________________________

**(2x5 = 10 marki)**

**Ċ. L-ambjent naturali qiegħed hemm biex ingawduh. Kemm nieħdu pjaċir immorru xi passiġġata fil-kampanja ingawdu l-arja safja, l-għasafar u l-ħdura tas-siġar u l-għelieqi. Imma veru dan nistgħu nagħmluh? Kemm problemi qed noħolqu fl-arja bl-exost tal-karozzi li jċarrat l-ozone layer u jikkawża mard bħal skin cancer u allerġiji. Kultant nisimgħu bi qtil ta' għasafar, ukoll fir-Riserva Naturali ta' l-Għadira. Issa hemm bżonn li nibdew nisseparaw l-iskart biex nibdew nirriċiklawh ħalli ma noħolqux skart bla bżonn. Fl-impjant li hemm Wied il-Għajn, ngħidu aħna, bdejna nirriċiklaw l-ilma tad-drenaġġ.**

**<u>Wieġeb dawn:</u>**

1. X'inhu ambjent naturali? ______________________________

   ______________________________

2. Xi problema joħloq l-exost tal-karozzi u d-duħħan? ______________________________

   ______________________________

3. Kif jaffettwa s-saħħa tal-bniedem it-tniġġis fl-ambjent? ______________________________

   ______________________________

4. X'inhu l-*ozone layer*? ______________________________

   ______________________________

5. Għaliex tinbena Riserva Naturali? ______________________________

   ______________________________

6. X'inhi d-differenza bejn 'skart domestiku' u 'skart industrijali'? ______________________________

   ______________________________

7. Semmi żewġ modi kif nistgħu nnaqqsu mill-iskart. ______________________________

   ______________________________

8. Semmi żewġ postijiet f'Malta li huma parti mill-ambjent storiku ta' pajjiżna. ______________________________

   ______________________________

9. Xi jsir fl-impjant ta' Wied il-Għajn? ______________________________

   ______________________________

10. Semmi żewġ modi kif il-Kunsill Lokali qegħdin jittrattaw il-problema ta' l-iskart. ______________________________

    ______________________________

**(2x10 = 20 marka)**

**D. <u>Imla l-vojt b'dawn il-kliem:</u>**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| xogħol | pajjiżna | ambjent soċjali | nikkomunikaw | ġid |
| familja | l-iskola | nitgħallmu | soċjalizzazzjoni | ħtiġijiet |

L-ambjent li ngħixu fih jissejjaħ ____________________________ għax aħna nħossu l-bżonn li ____________________________ ma' l-oħrajn. Dan għaliex irridu mingħand l-oħrajn biex ninqdew fil- ____________________________ tagħna. L-ewwel grupp li nitwieldu fih hu l-____________________________ li permezz tas- ____________________________ tippreparana għas-soċjeta'. Imbagħad nibdew immorru ____________________________ fejn nitħarrġu u ____________________________ biex nkunu nistgħu nidħlu fid-dinja tax-____________________________. Bix-xogħol inkattru l-____________________________ għalina u għal ____________________________. **(1x10 = 10 marki)**

**E. L-Imġiba soċjali tagħna turi kif aħna nġibu ruħna fis-soċjeta' li ngħixu fiha. L-imġiba soċjali pożittiva hi dik li tagħmel il-ĠID lis-soċjeta' waqt li dik negattiva tkun ta' DENI jew ĦSARA. Ħares lejn dawn li ġejjin u għid liema huma ta' ġid u liema ta' ħsara:**

1. Pamela tgħin il-ġâra tagħha anzjana billi taqdiha.
2. Ryan ġie mogħti l-Premju "Ħaddiema tas-Sena".
3. Keith il-ħin kollu jiskarta mill-ħin tax-xogħol.
4. Martin jgħin lill-Kunsill Lokali billi jżomm il-'playground' nadif.
5. John imur jirreġistra għax-xogħol u jieħu l-flus u jaħdem minn taħt.
6. Peter dejjem isuq sew u qatt ma jkollu inċident tat-traffiku.
7. Mary qatt ma taqsam milli jkollha u taħseb fiha nnifisha biss.
8. Frans bi ksuħat jagħmel vandaliżmu.
9. Abigail tiġi bl-uniformi u tobdi r-regolamenti ta' l-iskola.
10. Ġorġ ittella' l-qorti għax naqas mir-rispett lejn ħaddieħor.

**Niżżel l-isem ta' dawk li bl-imġiba tagħhom isaħħu s-soċjeta' u ta' dawk li bl-imġiba tagħhom jifirdu s-soċjeta' u joħolqu l-inkwiet.**

Isaħħu s-soċjeta': ____________________________________________________________

____________________________________________________________

Jifirdu s-soċjeta': ____________________________________________________________

____________________________________________________________

**(1x10 = 10 marki)**

**F. Ir-rwol huwa s-sehem li għandu kull wieħed u waħda minna fis-soċjeta'. Kull rwol għandu responsabbilta' li ssaħħaħna fil-karattru tagħna u tgħinna niżviluppaw il-personalita' tagħna. Semmi ŻEWĠ responsabbiltajiet li għandna bħala:**

1. Membri fil-familja ______________ ______________
2. Studenti ______________ ______________
3. Membri ta' reliġjon ______________ ______________
4. Ċittadini ______________ ______________
5. Membri ta' komunita' ______________ ______________

**(5x2 = 10 marki)**

**Ġ. <u>Għaqqad flimkien billi tpoġġi n-numri fil-kaxxa.</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Food and Agriculture Organisation FAO | | Għaqda tal-pajjiżi tad-dinja. |
| 2. | Konstituzzjoni | | It-tmexxija tal-pajjiż mill-gvern. |
| 3. | Ġnus Magħquda | | Għaqda internazzjonali li tieħu ħsieb il-produzzjoni ta' l-ikel, biedja u sad |
| 4. | Leġislattiv | | L-ogħla liġi tal-pajjiż. |
| 5. | Amministrazzjoni | | Il-Parlament li jagħmel il-liġijiet. |

**(1x5 = 5 marki)**

**G. <u>Kieku int x'kont tagħmel?</u>**

1. Ommi tipprova tfehemni li ż-żarbun li rrid nixtri huwa għoli fil-prezz.

______________________________

2. L-għalliem iwissini li jekk ma nagħtix sehmi se naqa' lura fl-iskola.

______________________________

3. Xi ħbieb jgħiduli li għax nixrob ftit alkoħol m'hemm xejn ħażin.

______________________________

4. L-għalliema tal-P.E. jħajjruni nagħmel ftit eżerċizzju, mhux niekol biss.

______________________________

5. Il-Kunsill Lokali jistedinni biex nipparteċipa f'attivita' tat-tfal.

______________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**GĦ. Ikteb madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn.**

1. Ix-xogħol li jagħmel il-Kunsill Lokali tiegħek.
2. Turist jistaqsik informazzjoni dwar pajjiżek. X'tgħidlu?
3. Semmi żewġ festi nazzjonali u għid għaliex twaqqfu.
4. Il-kultura tiġbor fiha l-lingwa, l-istorja, r-reliġjon u d-drawwiet. Tkellem dwar il-kultura tagħna l-Maltin.
5. Iddeskrivi xi proġett jew attivita' ta' l-iskola u għid x'tgħallimt minnu. **(15-il marka)**

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STUDJI SOĊJALI** **SKEMA TA' MARKI**

A. kultura, interazzjoni, dmirijiet, rwol, komunita', identita' personali, ambjent, normi, soċjalizzazzjoni, edukazzjoni. (1x10 = 10 marki)

B. PERSUNI: Ġenituri, ħbieb, qraba, studenti, ħutna, zijiet, għalliema superjuri u oħrajn.
AMBJENTI: skola, dar, għaqda, ċentru, każin, grupp ta' ħbieb u oħrajn. (5x2 = 10 marki)

Ċ.
1. Kif maħluq min-natura: siġar, baħar, temp, għasafar, annimali u oħrajn.
2. Ta' saħħa, arja mniġġsa, allerġiji, ħmieġ, trab u oħrajn.
3. Mard gravi u mard bħal allerġiji.
4. Saff fl-atmosfera li jagħlaq is-sħana u jbiddel it-temperatura.
5. Oqsma ta' art f'ambjent naturali għall-protezzjoni ta' annimali jew għasafar.
6. Skart tad-dar u skart tal-fabbriki.
7. Nirriċiklaw, nerġgħu nużaw.
8. Tempji Neolitiċi, Belt Valletta, Mdina, swar u oħrajn.
9. Jissaffa d-drenaġġ u jintuża f'fertilizzant u ilma għat-tisqija.
10. Jiġbor l-iskart u jnaddaf il-lokal, *bulky refuse* (2x10 = 20 marka).

D. Ambjent soċjali, nikkomunikaw, ħtiġijiet, familja, soċjalizzazzjoni, l-iskola, nitgħallmu, xogħol, ġid, pajjiżna. (1x10 = 10 marki)

E. Ġid: Pamela, Ryan, Martin, Peter, Abigail.
Deni: Keith, John, Mary, Frans, Ġorġ. (5x2 = 10 marki)

F.
1. Ngħin, innaddaf, niżbarazza, nikkopera u oħrajn.
2. Naħdem, nipparteċipa, nikkopera, noqgħod attent/a, nistudja u oħrajn.
3. Nitlob, ngħin lill-oħrajn nuri solidarjeta', nuri t-twemmin tiegħi fl-imġiba u oħrajn.
4. Inżomm nadif, nibża' għall-propjeta' pubblika, nagħti sehmi u oħrajn.
5. (Bħal numru 4 aċċettati.) (5x2 = 10 marki)

Ġ.
1. Għaqda internazzjonali li tieħu ħsieb il-produzzjoni ta' l-ikel, biedja u sajd
2. L-ogħla liġi tal-pajjiż.
3. Għaqda tal-pajjiżi tad-dinja.
4. Il-Parlament li jagħmel il-liġijiet.
5. It-tmexxija tal-pajjiż mill-gvern. (1x5 = 5 marki)

G. F'dawn it-tweġibiet l-istudenti jridu juru l-valuri jew attitudnijiet pożittivi.

GĦ.
1. 3 marki għal kull xogħol imsemmi u deskritt (sa 12-il marka)
   3 marki għall-preżentazzjoni.

2. 3 marki għal kull punt ta' informazzjoni u deskritt. (sa 12-il marka)
   3 marki għall-preżentazzjoni.

3. 5 marki għal kull festa msemmija u deskritta. (sa 10 marki)
   5 marki għall-preżentazzjoni.

4. 3 marki għal kull punt deskritt (sa 12-il marka)
   3 marki għall-preżentazzjoni.

5. 5 marki għad-deskrizzjoni.
   5 marki għat-tagħlim.
   5 marki għall-preżentazzjoni. (15-il marka)